# Ġrajjiet is-Soċjetà
## Matul l-ewwel seklu tagħha

minn Norman Borg

Din is-sena, peress li fiha s-Soċjetà La Stella Levantina qed tiċċelebra l-125 anniversarju mit-twaqqif tagħha, inħasset il-ħtieġa li fil-ħarġa speċjali ta' dan il-ktieb nagħtu ħarsa lura lejn xi ġrajjiet li seħħew matul l-ewwel mitt sena ta' ħajjet is-Soċjetà u li b'xi mod jew ieħor huma ta' interess. Xi wħud minn dawn il-ġrajjiet kont diġà inkludejthom f'kitbiet oħra tiegħi għas-Seraċina fis-snin l-imgħoddija.

Is-Soċjetà La Stella Levantina, bħal ma jafu ħafna, twaqqfet fl-1894 fuq l-inizjattiva tal-kappillan ta' dak iż-żmien Dun Carmelo Azzopardi flimkien ma' numru ta' dilettanti tal-festa, fosthom Mastru Karm Debono, l-ewwel President tas-Soċjetà li serva f'din il-kariga għal 35 sena, sa mewtu fl-1929.

Bħala każin, l-ewwel post tas-Soċjetà kien f'dar fi Triq il-Knisja propju wara l-kampnar fejn illum hemm Pjazza Tumas Dingli. Għal dawk li ma jafux, tajjeb li ngħid li sas-snin sittin tas-seklu l-ieħor, minflok il-pjazza tal-lum kien hemm numru ta' djar li kienu jiffurmaw triq dejqa li ddur mal-Knisja. Illum parti żgħira biss fadal bħala Triq il-Knisja. F'dan l-ewwel post is-Soċjetà damet sa xi l-1911 meta imbagħad imxiet għal post ieħor fid-dar Nru. 5, Triq il-Kbira, ħdejn l-Għassa tal-Pulizija, fl-1912.

Fl-1919 kien jaħbat għeluq il-25 sena mit-twaqqif tas-Soċjetà iżda minħabba n-nuqqas ta' kotba tal-minuti ta' dak iż-żmien, jekk dan l-avveniment kienx b'xi mod jew ieħor ġie mfakkar ma nafu propju xejn. Barra minn hekk jista' jkun ukoll li anqas iċ-ċirkustanzi ta' dak iż-żmien ma għenu, peress li kienet għadha kif intemmet l-ewwel gwerra dinjija (1914-1918) u xahrejn biss qabel il-festa tar-raħal, f'Malta kienu seħħew l-irvellijiet tas-Sette Giugno, allura l-affarijiet kienu ferm aktar diffiċli.

Fl-1935 is-Soċjetà biddlet it-tieni dar tagħha minn dik f'Nru. 5, Triq il-Kbira għal dik f'Nru. 44 fl-istess triq, daqs ħamsin metru mill-Knisja, fejn għadha sal-ġurnata tal-lum. Il-bieb prinċipali tal-binja kien propju dak fi Triq Sant'Anna Nru. 20. X'aktarx li l-bieb ta' Triq il-Kbira, li llum huwa l-bieb prinċipali tal-Każin, ma kienx jeżisti minn dejjem iżda kien speċi ta' gallarija u maż-żmien kien infetaħ bħala bieb.

Wara li nkera l-post il-ġdid u saru xi xogħlijiet meħtieġa biex seta' jaqdi l-bżonnijiet tas-Soċjetà għal dak iż-żmien, fil-15 ta' Settembru, 1935 il-każin ġie uffiċjalment miftuħ b'riċeviment għas-soċi, il-kleru, l-għaqdiet tar-raħal kollha u xi mistednin distinti residenti Ħ'Attard, fosthom Lord u Lady Strickland, Miss Mabel Strickland u oħrajn.

Fis-16 t'Awwissu, 1936, is-Soċjetà kellha żjara mhux tas-soltu meta l-Gvernatur ta' Malta ta' dak iż-żmien, Sir Charles Bonham Carter, għamel viżta ta' kortesija lis-Soċjetà. Milli jidher dan il-Gvernatur ħassu privileġġjat li kien jifforma parti mill-komunità ta' Ħ'Attard u wera x-xewqa tiegħu li jżur lis-Soċjetà.

Fl-1944 kien jaħbat il-ġublew tad-deheb, jew il-ħamsin anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjetà, issa bl-isem Ingliż ta' Eastern Star Club.

Biex jiġi mfakkar dan il-ġublew il-President Onorarju ta' dak iż-żmien Dr. John Bugeja kien issuġġerixxa li jsir standard. Dan is-suġġeriment kien intlaqa' bil-ferħ mill-



*L-Ewwel Marċ ta' Filgħodu fil-Festa ta' Santa Marija f'Ħ'Attard fl-1978*




*L-Ewwel Strumentatura tal-Banda. Fir-ritratt jidher is-Sur Joe Farrugia,*
*li kien strumentali biex inġabru l-istrumenti l-ġodda*

kumitat u f'qasir żmien kienu bdew il-preparamenti dwar il-kwalità ta' materjal, l-għażla tad-disinn, il-ħjata eċċ.

Lil missieri, li dik il-ħabta kien il-Kaxxier tas-Soċjetà, niftakru jgħid li din ix-xewqa malajr taret mar-riħ għaliex peress li kienet għadha kif intemmet il-gwerra u ħafna affarijiet fil-pajjiż, anke dawk l-aktar neċessarji, kienu skarsi ma kienx possibbli li jinstab il-materjal addattat għall-istandard u din ix-xewqa mietet mewta naturali.

Barra minn hekk, ma tantx kienu żminijiet ta' festi għaliex barra l-iskarsezzi ġenerali, s-Soċjetà kienet għaddejja minn żmien diffiċli ferm. Peress li fil-gwerra l-każin kien intuża bħala skola elementari, minkejja li l-gwerra kienet intemmet fl-1943 id-Dipartiment tal-Edukazzjoni xorta waħda kien għadu qed jagħmel użu mill-każin, u l-membri tas-Soċjetà ftit li xejn kellhom fejn jiltaqgħu, għajr għal xi żewġt ikmamar. Il-post kollu kien reġa' ġie rritornat lura lis-Soċjetà fis-sena 1946.

Wara li saret xi manutenzjoni neċessarja fil-binja u l-post reġa' beda jintuża kollu bħala każin, fit-22 ta' Settembru, 1947 is-Soċjetà fakkret il-ftuħ mill-ġdid tal-każin u għeluq il-50 annversarju (tliet snin wara minħabba l-gwerra) b'riċeviment għas-soċi u xi mistednin. Il-post kien ġie mbierek mill-ġdid mill-Kappillan Dun Mikiel Balzan.

Dak li ma kellux isir fl-1944 sar fl-1956 meta s-soċjetà żanżnet it-tieni bandalora tagħha wara dik oriġinali li kien iddisinja Mastru Karm Debono fl-ewwel snin tas-Soċjetà. Din il-bandalora kienet waslet fi stat tassew ħażin tant li anke biex tinżamm armata fil-Każin kienet problema aħseb u ara biex toħroġ barra, speċjalment f'dak iż-żmien meta s-Soċjetà kienet tieħu sehem bil-bandalora tagħha f'xi festi matul is-sena fosthom dik tal-Qalb ta' Ġesù. Barra minn hekk, dari l-bandalora mgħottija bi drapp iswed kienet tintuża wkoll fil-funerali tas-soċi. Illum il-ġurnata din il-bandalora tinsab ippreservata tajjeb ħafna wara li ftit tas-snin ilu kienet ġiet irrestawrata b'mod tassew professjonali.

Ġara allura li lejn tmiem l-1954 waqt Laqgħa Ġenerali tal-għaqda kien ġie deċiż li ssir bandalora ġdida. Għal dan il-għan kien tnieda konkors għall-aħjar disinn li kien anke deher fil-gazzetti lokali ta' dak iż-żmien. Bħala premju kellha tingħata s-somma ta' 8 liri (kważi 19-il Euro tal-lum).

Id-disinn rebbieħ bin-nom-de-plume 'Verona' kien dak tas-Sur Saver Galea, membru attiv tal-istess Soċjetà. Is-Sur Galea għadda l-flus tar-rebħ tal-konkors lis-soċjetà bħala fondi għall-istess bandalora. Din il-bandalora kienet inħadmet u ġiet irrakkmata mis-sinjura Giovanna Scicluna minn Ħ'Attard stess u b'kollox swiet ftit aktar minn 196 lira (457 Euro). Biex tiġi mfakkra din l-okkażjoni u fl-istess ħin isir it-tberik tal-bandalora, kien sar riċeviment għas-soċi u xi mistednin distinti fil-każin stess nhar is-Sibt,16 ta' Ġunju, 1956. Naturalment il-bandalora tbierket mill-Kappillan Dun Mikiel Balzan filwaqt li Dr. J. Reynaud LL.D., il-President Onorarju kien għamel diskors tal-okkażjoni.

Is-sena 1969 kienet taħbat il-75 anniversarju mit-twaqqif tas-soċjetà u għaldaqstant kmieni fis-sena l-kumitat fassal programm għal din l-okkażjoni li wara ġie approvat fl-Laqgħa Ġenerali Straordinarja. Il-programm kien jinkludi quddiesa bil-kant tat-Te Deum fil-parroċċa nhar il-Ħadd, 10 t'Awwissu. Għal din il-quddiesa attendew il-membri tal-Kumitat u xi soċi. Filgħaxija sar riċeviment fil-każin għall-membri u xi mistednin fosthom il-kleru, rappreżantanti tal-għaqdiet reliġjużi u ċivili tar-raħal u oħrajn. Il-President Onorarju ta' dak iż-żmien l-Avukat Ġorġ Zammit, għamel diskors tal-okkażjoni u fit-tmiem tiegħu nħarqet il-musketterija. Preżenti kien hemm ukoll 'Jazz Band'.

Għal din l-okkażjoni l-faċċata tal-każin intramat aktar mis-soltu u barra d-dawl kien hemm ukoll il-liedna u l-palm. Fuq kull naħa tal-bieb prinċipali twaħħlu b'numri kbar l-annu tat-twaqqif 1894 u dak tas-sena attwali 1969.

Avveniment ieħor tassew importanti għas-Soċjetà, u x'aktarx l-akbar wieħed s'issa, kien dak li seħħ fl-1987 meta twaqqfet il-Banda u allura s-Soċjetà ma baqgħetx aktar waħda soċjali biss iżda saret għaqda tal-banda. It-twaqqif tal-Banda ma kienx riżultat ta' xi ħolma ta' ftit dilettanti iżda kien riżultat ta' xewqa kbira u ħeġġa qawwija li numru sew ta' soċi u dilettanti oħra kien ilhom żmien twil ħerqana għaliha.

L-ewwel pass f'din id-direzzjoni kien sar fl-1978 meta fuq l-inizjattiva tal-promotur Tony Camilleri Galea u xi ħbieb tiegħu, fil-festa ta' Santa Marija ta' dik is-sena, kien sar għall-ewwel darba l-marċ ta' filgħodu billi kien irnexxielhom jiġbru l-fondi meħtieġa biex setgħu jġibu l-banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ. Tony Camilleri Galea baqa' jorganizza l-marċ ta' filgħodu għal numru ta' snin, sakemm beda jsir mill-Banda tal-lokal La Stella Levantina kif għadu jsir sal-lum.

Ftit tas-snin wara, xi dilettanti soċi tal-Każin Eastern Star fosthom David Gauci, ħasbu li jkun xieraq jekk is-Soċjetà tiegħu sehem aktar attiv fil-festa tar-raħal. Ġara li kelma ġġib lill-oħra u fl-aħħar iddeċidew li jsir sforz sabiex jiġi organizzat marċ brijuż mis-Soċjetà fl-ewwel jum tat-Tridu. B'ħeġġa kbira beda l-ġbir tal-fondi li wassal sabiex fil-11 t'Awwissu, 1983 sar il-marċ mixtieq mill-banda Santa Katerina taż-Żurrieq. Dan il-marċ tant kien suċċess li bħal donnu xegħel ħuġġieġa fost is-soċi tal-Każin, tant li daħal il-ħsieb u x-xewqa li titwaqqaf banda fi ħdan l-istess Soċjetà.

Bl-entużjażmu tad-dilettanti dejjem jikber ġie deċiż li titwaqqaf kummissjoni biex tistudja din il-possibilità u r-riżultat finali kien li din il-ħolma tista' ssir realtà bis-sehem tad-dilettanti kollha. Wara li kien ġie avviċinat is-Surmast Archibald Mizzi ġie deċiż li s-Soċjetà għandha tidħol għal din l-isfida ġdida b'kuraġġ u impenn. L-istess Mro Mizzi kien aċċetta l-kariga bħala l-ewwel Surmast tal-Banda u wara li nxtraw xi strumenti, filwaqt li oħrajn ġew irregalati lis-Soċjetà, saru l-preparazzjonijiet kollha meħtieġa sabiex il-banda tkun tista' tibda tiffunzjona mill-aktar fis possibbli. F'Laqgħa Ġenerali li nżammet fit-12 ta' Ottubru, 1986, unanimament kien ġie deċiż li l-isem tas-Soċjetà jinbidel għal dak ta' Eastern Star Band Club. Ftit tas-snin wara iżda, eżattament f'Laqgħa Ġenerali oħra li saret fis-26 ta' Lulju, 1992, dan l-isem reġa' nbidel għal dak oriġinali u sar Soċjetà Mużikali La Stella Levantina A.D. 1894. Illum il-ġurnata ma' dan l-isem insibu wkoll Banda Santa Matija.

Il-preparamenti tal-bidu komplew b'ħeġġa kbira filwaqt li l-entużjażmu baqa' dejjem jiżdied, aktar u aktar meta l-ġurnata li fiha l-banda kellha toħroġ iddoqq għall-ewwel darba, kienet dejjem qed toqrob. Dan, b'ferħ kbir għal kulħadd, iżda b'mod speċjali għal dawk li ħadmu qatigħ għal dan il-għan, seħħ fil-11 t'Awwissu, 1987, meta l-banda uffiċjalment ħarġet iddoqq għall-ewwel darba mat-toroq ta' Ħ'Attard u minn dakinhar 'l hawn baqgħet dejjem miexja 'l quddiem.

**Ad Multos Annos Soċjetà Mużikali La Stella Levantina.**